



Ġabra tal-ġurisprudenza

Digriet tal-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) tal-25 ta' Jannar 2017 – *Internacional de Productos Metálicos vs Il-Kummissjoni*

(Kawża T-217/16)

“Rikors għal annullament – Dumping – Importazzjonijiet ta’ ċerti qfieli tal-ħadid jew tal-azzar li joriġinaw fiċ-Ċina jew ikkunsinjati mill-Malasja – Regolament li jħassar id-dazji antidumping definittivi – Nuqqas ta’ interess individwali – Att regolatorju li jinvolvi miżuri ta’ eżekuzzjoni – Inammissibbiltà manifesta”

1. *Rikors għal annullament – Ġurisdizzjoni tal-qorti tal-Unjoni – Talbiet intiżi li tinkiseb ordni indirizzata lil istituzzjoni – Talbiet intiżi li tinkiseb sentenza dikjaratorja – Inammissibbiltà*

(Artikolu 263 TFUE)

(ara l-punt 20)

2. *Proċedura ġudizzjarja – Eċċezzjonijiet ta’ inammissibbiltà ta’ ordni pubbliku – Eżami ex officio mill-qorti*

(Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 113)

(ara l-punt 24)

3. *Rikors għal annullament – Persuni fiżiċi jew ġuridiċi – Atti li jikkonċernawhom direttament u individwalment – Interess individwali – Kriterji – Regolament li jħassar id-dazji antidumping definittivi – Rikors minn importatur ta’ prodotti li kienu s-suġġett tal-miżuri antidumping ikkonċernati – Assenza ta’ interess individwali*

(Ir-raba’ paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE)

(ara l-punti 27-33)

4. *Rikors għal annullament – Persuni fiżiċi jew ġuridiċi – Kunċett ta’ att regolatorju fis-sens tar-raba’ paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE – Kull att ta’ portata ġenerali bl-eċċezzjoni tal-atti leġiżlattivi – Regolament li jimponi dazji antidumping – Inklużjoni – Att li jinkludi miżuri ta’ eżekuzzjoni fis-sens ta’ din id-dispożizzjoni tat-Trattat – Eżistenza ta’ rimedji nazzjonali fir-rigward ta’ dawn il-miżuri – Inammissibbiltà tar-rikors għal annullament*

(Ir-raba’ paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE; Regolament tal-Kunsill Nru 2913/92)

(ara l-punti 34-36)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tal-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/278, tas-26 ta' Frar 2016, li jħassar id-dazju anti-dumping definittiv impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti qfieli tal-ħadid u tal-azzar li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, kif estiżi għall-importazzjonijiet ta' ċerti qfieli tal-ħadid u tal-azzar ikkunsinjati mill-Malasja, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mill-Malasja kif ukoll jekk le (ĠU 2016, L 52, p. 24).

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament inammissibbli.
- 2) Internacional de Productos Metálicos, SA hija kkundannata għall-ispejjeż.